MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 328/2005

**Godwin Mallia (914348M) u Mary maghrufa bhala Marlene (1018645M) mart Joseph Borg bhala sidien u kif ukoll bhala amministraturi ta sehem ohtha Suor Mary Ann Mallia**

**Vs**

**Anthony Briffa u martu Margaret maghrufa bhala Marquita Diacono sive Diacono Briffa personalment u ghan-nom tal-Kumpanija**
**M & A Holdings Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta Jannar 2005 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta mitejn tnejn u hamsin lira tmienja u disghin centezmu (Lm252.98) rapprezentanti kwantu ghal Lm186.48 imghaxijiet dovuta fuq valur ta kirjiet kummercjali li gew imhallsa tardivament mill-konvenuti u kwantu ghar-rimanenti bilanc bhala spejjes

gudizzjarji u extra gudizzjarji nkorsi mill-atturi ghal gbir ta l-istess kirjiet.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 2 ta Jannar 2006 fejn gew kontestati t-talbiet attrici peress li jallega li huma dejjem kienu adempjenti fil-hlas tal-kera.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi dan il-kaz huwa bazat semplicement fuq kalkolu ta imghaxijiet dekorribbli fuq kera kummercjali li thalset mhux fiz-zmien ta l-iskadenzi relattivi u spejjes ohra inkorsi sabiex l-atturi isejhu ghal hlas tal-istess. Ma hux kontestat li l-kera dovuta hija ta natura kummercjali u anqas ma hu kontestat li l-konvenuti di proprio huma responsabbli in solidum mas-socjeta konvenuta ghal hlas ta l-istess. Barra minn hekk dawn il-fatturi jirrizultaw ampjament ipprovati permezz tal-kuntratt ta lokazzjoni markat Dok GM 2. Dwar il-hlas tardiv u l-kalkolu matematiku ta dak mitlub f'din il-kawza l-atturi esebew prospett markat bhala Dok GM1 li huwa bhal dak esebit a fol 12 tal-process aktar aggornat. Dwar l-ispejjes legali inkorsi ghal sejhiet li saru biex isir il-hlas fil-pront dawn jinsabu sopportati permezz ta diversi dokumenti li lkoll huma esebiti fil-process. (a fol 13 sa a fol 18 tal-process) In kontro-ezami l-attur jichad li kien ipprezenta hu stess ic-cheques tard il-Bank biex jithallas. Jispjega pero li kien hemm okkazzjonijiet fejn ikun mar zmien wara l-Bank biex isarraf ic-cheque peress li dan kien ikun post-dated. Meta rega ttella jixhed l-istess attur ikompli jispjega fid-dettal cheque b'cheque meta gie ricevut minnu – ghal liema skadenza – u meta ssarraf. Ic-cheques imsemmija jinsabu wkoll ilkoll esebiti bhala prova tal-istess atturi.

Il-konvenuta Marquita Diacono Briffa tammetti li certi pagamenti ta kera kienu jithallsu tardivament u li kienu sahansitra hargu xi cheques li ma gewx onorati ("jibbownsja"). Taghmel referenza ghal xi cheques esebiti u tikkonferma li kienu gew prezentati tard ghal pagament.

Tikkonferma wkoll li l-kera suppost li kellha tithallas bil-quddiem.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li ma hemmx dubbju li l-imghaxijiet dekorribbli fuq kera kummercjali mhallsa tardivament hija fil-fatt dovuta mis-socjeta nkwilina u mill-konvenuti bhala garantors ghall-istess socjeta. Ghalhekk dan it-Tribunal qieghed jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti jilqa t-talbiet attrici kif dedotti u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma minnhom rikjesta fl-ammont ta mitejn u tnejn u hamsin lira tmienja u disghin centezmu (Lm252.98) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------